Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,625, 14 ta' Mejju, 2021
Taqsima B

A.L. 211 tal-2021

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Inċentiv għal Intrapriżi Mikro

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta u bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Inċentiv għal Intrapriżi Mikro u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaga waħda mar-Regolamenti dwar Inċentiv għal Intrapriżi Mikro, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 463. 09.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li impriża li qiegħda twettaq kummerċ jew negozju tkun teħtieġ assistenza biex tespandi, tagħmel innovazzjoni jew tinvesti fin-negozju tagħha f'Malta, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi ttali impriża bi kreditu ta' taxxa. L-intensità tal-kreditu ta' taxxa għandha tkun skont it-termini u kondizzjonijiet speċifikati fil-linji gwida:

Iżda l-ammont totali ta' krediti ta' taxxa li jistgħu jingħataw skont dan ir-regolament ma għandux jaqbeż ħamsin elf euro (€50,000) fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet (3) snin konsekuttivi skont it-termini u l-kondizzjonijiet speċifikati fil-linji gwida:

Verżjoni Elettronika

Iżda wkoll impriżi stabbiliti f'Għawdex, impriżi li s-sidien tagħhom huma nisa u negozji tal-familja kif jistgħu jiġu definiti fil-linji gwida, jistgħu jingħataw ammont totali ta' krediti ta' taxxa skont dan ir-regolament li ma għandux jaqbeż sebgħin elf euro (€70,000) fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet (3) snin konsekuttivi, skont it-termini u l-kondizzjonijiet speċifikati fil-linji gwida:

Iżda wkoll l-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża waħda ma jistax jaqbeż mitejn elf euro (€200,000) (jew mitt elf euro [€100,000]) fil-każ ta' imrpiżi li jwettqu trasport tal-merkanzija bit-triq b'kiri jew b'kumpens) fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet (3) snin fiskali konsekuttivi."; u

(b) is-subregolament (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(7) Ebda assistenza taħt dawn ir-regolamenti ma għandha tingħata mill-Korporazzjoni wara l-31 ta' Dicembru, 2023.".